MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2010

Numru 137/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-5 ta’ Marzu 2010, u tirrigwarda incident li sehh bejn girien dwar it-tlugh ta’ hajt divizorju.

**2.** Permezz ta’ citazzjoni li ggib id-data tat-23 ta’ Gunju 2006, Joseph Portelli (bin Carmel u Margaret nee Portelli, imwieled fit-30 ta’ April 1955, detentur tal-Karta ta’ l-Identita` nru 28755G) kien akkuzat talli fil-Qala, Ghawdex, fl-10 ta’ Mejju 2006, ghall-habta tal-kwarta ta’ wara nofs in-nhar (**1**) volontarjament ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Paul Buttigieg, (**2**) hebb kontra l-persuna ta’ Carmen Buttigieg, u (**3**) kiser il-bon ordni u l-paci pubblika. Permezz tas-sentenza issa appellata, l-imsemmi Portelli

instab hati skond l-ewwel imputazzjoni, izda gie liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra; huwa gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

**3.** Fir-rikors ta’ l-appell tieghu, prezentat fl-24 ta’ Marzu 2010, l-imsemmi Joseph Portelli ressaq tliet aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li hu gie misjub hati hazin skond l-ewwel imputazzjoni peress li hu qatt ma ghamel xejn fil-konfront ta’ Buttigieg li seta’ wassal ghall-frattura tal-gharkuba tas-sieq ix-xellugija ta’ l-istess Buttigieg. It-tieni aggravju jirrigwarda l-imsemmija frattura: l-appellant jikkontendi li ma ngabitx l-ahjar prova – il-lastri tal-ezami radiografiku – li juru tali frattura. Finalment huwa jilmenta mill-piena.

**4.** L-incident *de quo* sehh meta Paul Buttigieg u martu Carmen ikkonfrontaw lill-anzjan Emanuel Mercieca dwar hajt divizorju li huwa kien qabbad xi bennejja jtellghu. Ftit hin wara li beda dan il-konfront, intervjena Joseph Portelli. Portelli jghid li intervjena biex jifred lil Paul Buttigieg minn ma’ Mercieca; Paul Buttigieg u martu jghidu li l-“incident” ma’ Mercieca kien spicca meta tfacca Portelli “ifferocjat” u lil Buttigieg imbuttah jew “qabbzu” c-cint – fejn hemm dizlivell ta’ tlieta jew erba’ filati – bil-konsegwenza li meta nizel fuq saqajh Buttigieg nizel hazin u farrak l-gharkuba. Skond l-appellant – u x-xhieda minnu prodotti – huwa qatt ma mbotta ‘l barra mill-proprjeta` (allegatament ta’ Mercieca) lil Buttigieg, izda kien hu li hareg wahdu, u li allura meta gie biex jaqbez dak id-dizlivell, wegga’ wahdu.

**5.** Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-provi kollha. Kif inhu risaput, bhala regola, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, galadarba din tkun anke semghet lix-xhieda jiddeponu *viva voce*. Fi kliem iehor, jekk, fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti, dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha, allura il-Qorti tal-Appell ma tintervjenix. Jekk, pero`, din il-Qorti tkun konvinta mod iehor, allura mhux biss tista’ izda ghandha tintervjeni biex tvarja jew tirrevoka.

**6.** Issa, kwantu ghat-tieni aggravju, dana, frankament, jirrazenta l-fierah. Ma hemmx l-icken dubbju mid-deposizzjoni tal-Kirurgu Raymond Aquilina (fol. 15), tat-Tabiba Dr Nathalie Ellis (fol. 85), kif ukoll mic-certifikat a fol. 9 u mill-affidavit tat-Tabib Dr Patrick Sciberras a fol. 10, li Buttigieg garrab offiza ta' natura gravi. Il-kwistjoni hi jekk jistax jinghad li gie pruvat, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, li l-appellant ghandu jwiegeb ghal din l-offiza, sia jekk fi grad ta' offiza volontarja – kif sabet l-ewwel qorti – jew fi grad ta' offiza involontarja cioe` kolpuza.

**7.** Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-ferma konvizjoni li ma jistax jinghad li gie pruvat skond il-ligi li l-appellant ghandu b'xi mod iwiegeb kriminalment ghal din l-offiza. F'dan il-kaz ghandna l-versjonijiet tal-konjugi Buttigieg minn naha – u wiehed m'ghandux jinsa li Carmen Buttigieg xehdet ukoll li Portelli hebb ghaliha u anke weggaghha (ara fol. 25) – u l-versjonijiet tax-xhieda l-ohra kollha. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel qorti ma emmnitx lil Carmen Buttigieg ghal dak li kien jirrigwarda lilha (infatti Portelli gie lliberat mit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet) izda donnha fl-istess waqt b'xi mod qieset li d-deposizzjoni ta' din Carmen Buttigieg kienet "tikkorrobora" il-versjoni ta' zewgha! Kwantu ghal Paul Buttigieg, din il-Qorti, anke wara li ezaminat akkuratament it-tielet deposizzjoni (in kontro-ezami) tieghu (ara fol. 89), hija aktar propensa li temmen li kien dana Buttigieg li kien attakka b'mod feroci lil Mercieca – l-imbottaturi li huwa kien semma' precedentement jidher li tant kienu b'sahhithom, li addirittura irnexxielu jkisser tank tal-ilma meta tefa' lil Mercieca fuqu (ara fol.89)!

**8.** Kollox ma' kollox din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti ma setghetx ragjonevolment, u fuq il-provi li kellha quddiemha, tasal ghall-konkluzzjoni li Portelli effettivament "imbotta" lil Paul Buttigieg ghal fuq ic-cint u/jew "qabbzu" cint kif qed jigi allegat mill-konjugi Buttigieg. Il-provi, ghall-anqas f'dawn il-proceduri, ma kienux iwasslu sal-grad tal-konviciment morali li trid il-ligi fil-kamp penali. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi akkolt.

**9.** Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lil Joseph Portelli hati skond l-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannatu tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija (cioe` fil-parti liberatorja taghha).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------